**16 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Group Captain Colin Hugh Deakin E.R.D. noe**

*versus*

**Carmelo Mallia et.**

## Espropjazzjoni — Art. 26 Kap. 136.

*L-art. 25 Kap. 136 ma jħalli ebda dubju li f'każ ta' esproprjazzjoni għall-utilità pubblika ta' art bi ħsara minħabba l-operazzjonijiet tal-gwerra, sija jekk dik l-esproprjazzjoni tkun tirrigwarda l-akkwist tal-proprjetà ta' l-art assolutament sija jekk tkun tirrigwarda id-dominju pubbliku tagħha, sija jekk tkun tirrigwarda l-konvenzjoni f'wieħed jew l-ieħor mill-imsemmijin titoli, tad-dominji pubbliċi jew ta' pussess u użu li jkun ġa minn qabel għand l-Awtorità kompetenti, il-Bord kostitwit taħt l-imsemmija liġi dwar l-esproprjazzjoni għall-utilità pubblika (Ord. XL tal- 1935) jista' jiddetermina l-indennità li l-awtorità għandha tħallas għall-art kif tkun tinsab bil-ħsara, imma għandu wkoll il-poter li jiffissa dak l-indenniz għall-art kif kienet qabel ma ġratilha l-ħsara u bħala kieku dik il-ħsara ma kienet qatt ġratilha. Tant hu veru li l-liġi tajt li fit-tieni każ il-kumpens hekk iffissat b'riferenza ta' l-art bil-ħsara għandu jitqies li jikkomprendi il-korrispettiv taċ-ċessjoni mis-sid lill-Awtorità kompetenti ta' kull dritt illi s-sid esproprjat ikollu taħt l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra naturalment sal jum li fih l-Awtorità kompetenti tieħu pussess ta' l-art, u dik iċ-ċessjoni titqies li hi sehem integrali ta' l-esproprjazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina *li bih l-attur nomine* wara li ppremetta illi b'rikors tiegħu ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fit-3 ta' Diċembru, 1958 kien beda l-proċeduri biex jakkwista b'xiri assolut il-biċċa art li huwa kellu f'idejh b'titolu ta' użu u possess; liema biċċa art tinsab fil-limiti territorjali taż-Żurrieq u hi tal-kejl superfiċċjali ta' żewġ sigħan u erba' kejliet (Ot. 2s. 4k.); tmiss mit-Tramuntana ma proprjetà ta' Lady Vera *Bernard, mil-Lvant ma proprjeta tas-Saċerdot Joseph Bo*nello u minn-Nofs-in-Nhar ma' Sqaq, magħrufa, dina l-art, bħala Air Ministry Plot numru 7/43 (Ħal Far, 1943 Extension) "kif kienet tidher mill-pjanta oriġinarjament annessa ma l-Avviż għall-ftehim:— u li quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet qamu diversi kwistjonijiet, fosthom dik li l-Awtorita kompetenti għandha d-dritt li tesproprja, kif fil-fatt kienet qed tagħmel bir-rikors minnha presentat quddiem dak il-Bord, l-art biss mingħajr il-bini li talvolta kien jeżisti fuqha, jiġifieri li takkwista l-art bħala 'site' mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni li fuq dik l-art kien talvolta jeżisti bini; u li l-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, b'deċiżżjoni tiegħu tal-4 ta' Ġunju, 1959, iddikjara illi dina l-kwistjoni ma' taqax taħt il-kompetenza tiegħu kif limitata mill-artikolu 23 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal skopijiet pubbliċi (Kap. 136), u għalhekk ipprovda billi rriserva d-definizzjoni tal-kwistjoni għad-deċiżżjoni taċ-Chairman sedenti bħala Imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina u mpona lill-attur nomine terminu ta' ħmistax il-ġurnata mid-data tad-deċiżżjoni fuq imsemmija biex iġib 'il quddiem din il-kwistjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti preseduta miċ-Chairman — talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li ngħataw il-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż li hu, bħala awtorita kompetenti taħt l-Ordinanza fuq imsemmija għandu d-dritt li jesproprja

artijiet bħala 'site' mingħajr ma jkun kostrett li jesproprja bini u jew fabbrikazzjonijiet oħra li talvolta kienu jeżistu fuq l-art li tkun qegħda tiġi esproprjata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta li fuq l-art esproprjata kien jeżisti razzett u għalhekk fil-valutazzjoni tagħha għandu jiġi nklus il-kumpens ta' l-istess razzett, u dan meta jiġi kunsidrat li r-razzett huwa l-prinċipali u r-raba' l-aċċessorju, u f'dana s-sens għandha tiġi miċħuda t-talba attriċi.

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar, 1961, li bih ġie msejjaħ fil-kawża Salvatore Debono bħala attwali proprjetarju ta' l-art minnu akkwistata mingħand it-tabib Dottor Paul Bernard li kien irkupraha mill-pussess tal-konvenut Mallia.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża Salvatore Debono li biha ssottometta li huwa l-attwali utilista imperpetwu tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni li flimkien ma' artijiet oħra attigwi jħallas ċens lill-Gvern Ċivili, u għalhekk la l-proċedura hija għax-xiri assolut, hemm bżonn li ssir ukoll in kontestazzjoni tal-Gvern Ċivili, padrun dirett u fil-meritu li skond id-deċiżżjoni ta' dina l-Qorti tal-20 ta' Jannar, 1961, fil-kawża fl-ismijiet "Rosanna Vella vs. Deakin noe", l-awtorità kompetenti għandha tħallas kumpens in proporzjon tal-valur atwali, kif ukoll tal-"potential value" ta' l-art, u għalhekk, li kieku ma daħletx fin-nofs l-Air Ministry biex tesproprja, hu kien idaħħal mill-War Damage Commission is-somma tar-rikostruzzjoni tar-razzett.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-18 ta' April, 1963, li biha ġiet miċħuda t-talba ta' l-attur nomine u ġie dikjarat li dana jista' jkun kostrett iħallas anche

tal-bini u/jew fabbriki li setgħu kienu jeżistu fuq is-sit in kwistjoni u ġew danneġġjati bil-ħidma ta' l-għadu, skond ma jiddeċiedi l-Board ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, iżda d-dritt tar-Reġistru a kariku ta' l-attur nomine — wara li dik il-Qorti ikkunsidrat:

Omissis. . . . . .

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u il-petizzjoni tiegħu għar-riforma ta' l-imsemmija sentenza billi l-istess tiġi konfermata f'dik il-parti li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża dwar is-sejħa fil-kawża tal-Gvern Ċivili u revokata f'dawk il-partijiet fejn ġiet miċħuda it-talba u fejn ġie deċiż illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa u d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur "nomine", billi tiġi, invece, milqugħa t-talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li pprevalixxa ruħu mill-appell ta' l-attur "nomine" u nterpona anche hu appell kontra l-kap ta' l-istess sentenza kontenenti d-deċiżżjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża, billi talab illi l-istess sentenza tiġi f'dak il-kap riformata fis-sens li hu jiġi esonerat mill-ispejjeż kollha tal-kawża.

Rat ir-risposta ta' Salvatore Debono li biha talab illi l-appell ta' l-attur "nomine", jiġi respint u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi konfermata in kwantu ċaħdet id-domandi ta' l-attur u in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kjamata in kawża tal-Gvern Ċivili bħala direttarju tal-fond.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

L-appellant "nomine" jirravvisa l-motiv ta' l-aggravvju — li hu jippretendi li sofra bis-sentenza denunċjata — fil-fatt li dik is-sentenza naqset — kif hu jaħseb — li tinterpreta l-Ordinanza XV tal-1935 dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal skopijiet Pubbliċi b'riferenza għad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza III tal-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra. Jekk — hu jgħid — wieħed ipoġġi dik il-liġi ta' l-esproprjazzjoni għal skopijiet pubbliċi, u speċjalment l-artikolu 25 biss (1) tagħha in konfront u jikkonċiljah mad-disposizzjonijiet tal-liġi dwar il-ħsarat tal-gwerra, għandu jasal għal konklużżjoni illi l-Awtorita Kompetenti ma tistax tiġi kostretta, f'każ ta' esproprjazzjoni ta' art li tkun ġratilha ħsara bl-operazzjonijiet tal-Gwerra, li tieħu dik l-art bħala kieku ma kienetx ġratilha dik il-ħsara u tħallas kompens determinat b'riferenza għal valur ta' l-istess art bla ħsara, salvo li eventwalment tirrivolġi ruħha lejn il-Kummissjoni maħtura taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza III tal-1943, u dan senjatament minħabba d-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 22, 32 u 37 ta' din l-Ordinanza, u anche għaliex kieku l-likwidazzjoni tal-ħlas tal-ħsara kellha tibqa' bejn l-Awtorità Kompetenti u l-imsemmija Kummissjoni, ikunu jistgħu iqiesu l-inkovenjenti — li l-attur "nomine" ikkwalifika bħala konsegwenzi ġuridikament assurdi — li l-"Board" kostitwit taħt l-Ordinanza XI tal- 1935, fil-fissazzjoni tal-"quantum", jagħti valur korrispondenti għal "cost of works" fil-waqt li l-Kummissjoni tagħti kompens ta' "value payment", li jekk l-imsemmi "Board" jagħti kompens bażat fuq "cost of works" ikun qiegħed jagħti kompens akbar minn dak tal-valur tal-fond fis-suq; li jista' jkun hemm żewġ kriterji ta' stima differenti — dak tal-membri tal-"Board" u l-ieħor tal-membri tal-Kummissjoni — u li l-Awtorità Kompetenti ma jkolliex rimedju kontra l-"quantum" likwidat mill-imsemmija Kum-

missjoni *billi* f'*din* *il-materja* dik il-Kummissjoni hi nsidakabili.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti bbażat id-deċiżżjoni tagħha fuq id-disposizzjoni ta' l-artikolu 25 biss (1) ta' l-Ordinanza XL tal-1935, li ġie inserit in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza XXI tal-1947, li ġiet maħruġa, wara li kienet ġiet promulgata l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, biex tagħmel tbiddil fl-Ordinanza *fl-ewwel lok imsemmija*; liema disposizzjoni hi tat-tenur segwenti: "Meta l-art tkun ġratilha ħsara b'egħmil l-għadu jew ta' kontra l-għadu u sidha għalhekk ikollu jedd jew jista jkollu jedd għal kumpens bis-saħħa ta' l-Ordinanza ta' *l-1943* dwar *il-Ħsarat* tal-Gwerra (Ordinanza III tal-1943) il-kumpens li jistħoqq skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza dwar l-akkwist obbligatorju 'tal-proprjeta assoluta jew tad-dominju pubbliku ta' l-art jew dwar il-bdil f'wieħed jew l-ieħor minn dawk it-titoli tal-pussess w użu jew tad-dominju pubbliku ta' l-art li kienet minn qabel miżmuma mill-awtorita kompetenti għandu, meta dak il-kumpens ikun iffissat b'riferenza għall-valur ta' l-art bla ħsara, jitqies li hemm magħdud fih il-ħlas sħiħ meħtiġa għaċ-ċessjoni *mis-sid* lill-awtorità kompetenti ta' kull jedd li s-sid għandu taħt l-Ordinanza ta' *l-1943* dwar *il-Ħsarat* tal-Gwerra hawn qabel imsemmija, sal-jum li fih l-awtorita kompetenti tieħu pussess ta' l-art. F'kull każ dik iċ-ċessjoni kif imsemmi hawn qabel għandha titqies li hi sehem integrali ta' kull akkwist obbligatorju."

Kif sewwa ħafna osservat l-ewwel Qorti l-liġi hi ċara biżżejjed biex ma tħalli ebda dubju li f'każ ta' esproprjazzjoni għal-utilità pubblika ta' art bi ħsara minħabba l-operazzjonijiet tal-gwerra, sia jekk dik l-esproprjazzjoni tkun

tirrigwarda d-dominju pubbliku taghha, sia jekk tkun tirrigwarda il-konversjoni f'wiehed jew l-iehor mill-imsemmijin titoli, tad-dominju pubbliku jew tal-possess u wżu li jkun ġie minn qabel għand l-Awtorità Kompetenti (fil-każ preżenti l-attur *"nomine" irid jikkonverti f'xiri* assolut il-possess u wżu li ġia qiegħed għandu; iżda li akkwista wara li ġiet promulgata l-imsemmija Ordinanza XXI tal-1947), il-"Board" kostitwit taħt l-imsemmija liġi dwar l-esproprjazzjoni għall-utilità pubblika (Ordinanza XL tal-1935) jista' jiddetermina l-indennità li l-esproprjanti għandu jħallas għall-art kif tkun *tinsab bil-ħsara, imma għandu wkoll il-poter li jiffissa dak l-*indenniż għall-art kif kienet qabel ma ġratilha l-ħsara u bħala kieku dik il-ħsara ma kienet qatt ġratilha. Tant hu dana veru li l-liġi tgħid li fit-tieni każ il-kumpens hekk iffissat b'riferenza ta' l-art bla ħsara għandu jitqies li jikkom*prendi l-korrispettiv taċ*-ċessjoni mis-sid lill-Awtorità Kompetenti ta' kull dritt illi s-sid espropriat ikollu taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra (III tal-1943), naturalment sal jum li fih l-Awtorita Kompetenti tieħu possess ta' l-art, u dik iċ-ċessjoni titqies li hi sehem integrali ta' l-esproprjazzjoni.

Dana kollu juri li x-xelta riferita hi tal-"Board" fuq imsemmi li jiddetermina l-indenizz skond l-imsemmija liġi dwar l-esproprjazzjoni għal utilità pubblika (XL tal-1935) u mhux ta' l-awtorita esproprjanti, dak li kwindi juri li hija mingħajr fondament legali l-pretensjoni akkampata u t-talba formulata mill-attur "nomine" fl-att ta' ċitazzjoni li ta bidu għal din il-kawża.

Juri wkoll, naturalment, li ma jista' qatt jiġi intrattenut l-argoment ta' l-attur "nomine" fis-sens li jekk il-liġi ta' l-esproprjazzjoni, u preċisament *l-artikolu 25 biss (1)* taghha tiġi poġġuta in konfront mal-liġi dwar il-ħsarat tal-gwerra

(Ord. III tal-1943), ma jkunx jista' jiġi iktar ritenut, li f'każ ta' *esproprjazzjoni ta' art li tkun sofriet ħsara* bl-operazzjonijiet tal-gwerra, il-kwistjoni ta' l-indenizz għal dik il-ħsara għandha tibqa' bilfors bejn is-sid esproprjat u l-Kommissjoni fuq riferita u l-ebda għajnuna ma jista' jottieni bl-invokazzjoni ta' l-artikoli 22, 32 u 37 tal-liġi dwar il-ħsarat tal-gwerra di fronti għall-formula ċara ta' l-imsemmi artikolu 25 bis (1) ta' l-Ordinanza XL tal-1935, u, del resto, dik il-parti ta' l-imsemmi artikolu 22 li hu evidentement jinvoka favur *tiegħu* tikkontempla l-każ meta jsir ħlas ta' valur, fiċ-ċirkostanzi indikati f'dak l-istess artikolu, u jkun sar kuntratt għat-trasferimenti tal-proprjeta ta' l-art mibnija jew ta' xi sehem minna, bejn meta tkun ġrat il-ħsara u ż-żmien li fih il-Kommissjoni tkun iddeċidiet li tagħmel dak il-ħlas ta' valur biex tirrikonoxxi lil dak li lilu jkun sar it-trasferiment kull jekk li jirċevi hu l-ħlas ta' dak il-valur, imma teskludi dak il-jedd meta dak li lilu jkun sar it-trasferiment tkun persuna awtorizzata b'xi liġi li takkwista dak il-jedd forżosament. Faċilment wieħed jara li ma hemm xejn f'din id-disposizzjoni tal-liġi li jirrendiha assolutament irrikonċiljabbli mad-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 25 bis (1) ta' l-Ordinanza XL tal-1943, billi f'din id-disposizzjoni hi kontemplata l-espropjazzjoni ta' l-art u d-dmir ta' min jesproprja li jħallas l-indenizz b'riferenza għal valur ta' l-art bla ħsara jekk hekk ikun iddeterminah il-"Board", in forza ta' l-istess liġi. Lanqas ma hi nkonċiljabbli d-disposizzjoni ta' *l-artikolu 32, għaliex din id-disposizzjoni tirrikjedi l-approvazzjoni* tal-Kommissjoni għat-trasferiment tad-dritt għal ħlas meta dan it-trasferiment ikun sar bi twellija u mhux meta jkun sar bis-saħħa tal-liġi u, finalment, lanqas ma hi nkonċiljabili, għar-raġuni wisq ovvja, id-disposizzjoni ta' l-art. 37 skond liema ebda ndenizz ma jitħallas għal ħsarat tal-gwerra f'artijiet mibnija li tagħhom ikunu s-sid assolut il-Kuruna, il-Gvern ta' Malta, jew l-Awtoritajiet Navali, Mili-

tari jew tal-Forza ta' l-Ajru.

Lanqas ma jistgħu jiswew di fronti għal formula ċara tad-*disposizzjoni kontenuta* fl-imsemmi artikolu 15 biss (1) ta' l-Ordinanza XL tal-1935, l-inkonvenjenti rilevati mill-attur "nomine" — jekk huma tabilħaqq inkonvenjenti, għaliex fuq dan il-pont il-Qorti mhiex qegħda tippronunzja ruħha ġia la darba ma jistgħux, anke jekk fil-fatt jistgħu jirrikorru, jirrendu inoperuża dik il-liġi li, jerġa' jingħad, ma tagħti *lok għal ebda dubbju li l-"Board" jista', fid-determinazzjoni* ta' l-indennizz għal espropprjazzjoni jiddetermina dak l-indennizz b'riferenza għal valur ta' l-art bla ħsara, u allura f'dan il-każ, jitqies li hemm magħdud f'dak l-indennizz il-ħlas sħiħ meħtieġ għaċ-ċessjoni favur l-Awtorita kompe*tenti ta' kull* jedd li s-sid espropprjat ikollu taħt l-Ordinanza III tal-1943. Tant hu dana veru illi l-istess liġi tkompli tgħid li, pero, f'dan il-każ l-espropprjanti jkollu d-dritt inaqqas millkompens kull bilanċ, li ma kienx għadu dovut, tal-kontribuzzjonijiet diretti li għandhom jitħallsu skond l-Ordinanza III tal-1943 u dawk li jkunu għalqu u li s-sid ikun baqa' lura filħlas tagħhom, u kull *somma jew somom li jkunu ġew mogħ*tija mill-Kummissjoni lis-sid espropprjat fil-kasijiet kontemplati fl-artikolu 2 (b) ta' l-istess disposizzjoni tal-liġi.

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali tal-konvenut Carmelo Mallia:

Il-kawża ġiet promossa kontra tiegħu għaliex allura hu kien is-sid ta' l-art li l-attur "nomine" irid, fis-sens fuq imsemmi, jespropprja; iżda fid-dewmien tal-ġudizzju dik l-art ġiet irkuprata mit-tabib Dottor P.L. Bernard u minn dan trasferita lil Salvatore Debono *li ġie għalhekk kjamat fil*kawża. Hu ntwitiv, mela, li l-konvenut Carmelo Mallia ma fadallu l-ebda nteress fil-kawża u hu ġust, kwindi, li ma jsof-

fri ebda parti *mill-ispiża* tagħha. Jekk kellu jsir xi temperament fil-kap *ta'* l-ispejjeż *dan kien imissu sar fil-konfront* bejn l-attur "*nomine*" u l-kjamat fil-kawża li għamel tiegħu *in sostanza* l-eċċezzjoni tal-konvenut. Il-konvenut lanqas m'għandu jbati spejjeż in konnessjoni ma l-eċċezzjoni tal-kjamata fil-kawża tal-Gvern Ċivili billi ma kienx hu li issollevah, *imma* l-kjamat fil-kawża.

Għal motivi premessi:

Tirrespinġi l-appell prinċipali u tilqa dak inċidentali u kwindi tirriforma s-sentenza denunċjata fil-kapi li ġew lilha devoluti bl-imsemmijin appelli billi tikkonferma l-istess sentenza fil-meritu in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-attur "nomine" u anke in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-kjamata fil-kawża tal-Gvern Ċivili, u tirriformaha fil-kap ta' l-ispejjeż billi teħles lil konvenut Malia minn kul spiża u tordna li fil-konfront bejn l-attur "nomine" u l-kjamat fil-kawża l-ispejjeż jibqgħu kif iddeċiditħom l-ewwel Qorti u dawk tal-konvenut Mallia jitħallsu kwantu għal nofs mill-attur "nomine" in kwantu għan-nofs l-ieħor mill-kjamat fil-kawża. L-ispejjeż ta' dan l-appell huma akkariku ta' l-attur "nomine".